MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Numru. 405/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Ramona Fabri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Ramona Fabri bint David u Salvina nee' Scerri imwielda fit-22 ta' Frar 1975 u residenti 113A, 'San Gabriel' Triq Paola, Tarxien u detentrici tal-karta tal-identita' numru 145275(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fl-10 ta' Settembru 2011, ghall-habta tal-11:30hrs gewwa Triq il-President A. Buttigieg, Zejtun :

(1) Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAT-742, b'manjiera (a) traskurata, (b) u perikoluza.

(2) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Cassar skond kif iccertifika Dr. Matthias Azzopardi M.D. Reg. 5268 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li hija tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta' Novembru 2012 (esebit a fol. 29 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2012 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fl-10 ta' Settembru 2011 ghall-habta tal-11.30am fi Triq President A. Buttigieg iz-Zejtun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAT 742 misjuqa mill-imputata u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni JBO 991 misjuq minn Emanuel Cassar fejn dan tal-ahhar sofra griehi ta' natura gravi konsistenti fost l-ohrajn fi ksur fit-tibia tas-sieq ix-xellugija u fl-ghaksa tal-istess sieq li hallew debilita permanenti (vide certifikat mediku nserit a fol. 13 u 14 u

xhieda ta’ Dr. Matthias Azzopardi a. fol 46 et sequitur tal-atti processwali).

Emanuel Cassar xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta’ Novembru 2012 fejn spjega li fil-gurnata in dizamina kien qed isuq il-mutur tieghu u diehel lejn iz-Zejtun. Malli wasal quddiem il-European Holidays gie wara l-vettura misjuqa mill-imputata u l-lights qalbu ghall-ahdar u t-traffiku beda miexi ‘l fuq. Huwa spjega li kien imserrep wara l-imputata bil-vettura ta’ din tal-ahhar qeghda aktar ‘il gewwa u huwa kien aktar vicin il-linja medjana tat-triq. Cassar jghid li malli qabzu l-lights, l-imputata minghajr ma xeghlet l-indicator daret f’daqqa lejn il-lemin sabiex tidhol fil-parking area tal-Lasco Supermakret u huwa peress li kien madwar metru u nofs warajha zamm il-brejk, il-mutur skidja u huwa telaq il-brejk u ma seta’ jaghmel xejn hlief li jdur wara l-vettura tal-imputata sabiex jiskapulaha u spicca sabiex gie milqut mill-vettura taghha. Huwa spjega li bhala konsegwenza tal-incdient sofra ksur fl-ghaksa, gie operat fejn inserewlu zewg pjanci u seba’ viti fl-ghaksa u ghamel tmien xhur ma jmurx xoghol u gie certifikat li kellu dizabilita’ permanenti ta’ tmienja fil-mija. Cassar inoltre qal li li kieku l-imputata harset mill-mera tal-gemb qabel ma kisret zgur li kienet tarah warajha izda qal ukoll li huwa kien qed jahfrilha ghal dak li gara.

L-imputata Ramona Fabri ghazlet li tixhed f’dawn il-proceduri fejn spjegat li dakinhar tal-incident kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq Anton Buttigieg gejja mid-direzzjoni ta’ Hal-Ghaxaq u sejra lejn iz-Zejtun. Hija qalet li meta waslet vicin il-parking area tal-Lasco Supermarket xeghlet l-indicator sabiex iddur fuq il-lemin u waqt li kienet qed iddur hasset daqqa fuq wara man-naha tal-lemin u meta nizlet mill-vettura taghha sabet il-mutur misjuq minn Emanuel Cassar kien habat mal-vettura taghha.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet f’dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li d-dinamika tal-incident de quo kienet dik ta’ sewwieq ta’ quddiem qed

jeffetwa right hand turn waqt li s-sewwieq ta’ wara qed jeffetwa manuvra ta’ sorpass. Minn ezami tal-iskizz inserit a. fol 37 tal-atti processwali jirrizulta li kemm ir-right hand turn kif ukoll il-manuvra ta’ sorpass kienu permissibbli f’dik il-parti tat-triq izda ovvjament is-sewwieqa li effetwaw tali manuvri kellhom jezercitaw certu kawtela. Fil-kaz in dizamina in linea ma gurisprudenza kostanti f’dawn it-tip ta’ kollizjonijiet ir-responsabilita’ tigi apporzjonata’ fuq bazi ta’ 2/3 – 1/3 fejn is-sewwieq li qed jeffetwa r-right hand turn jigi akkollat b’zewg terzi (2/3) tar-responsabilita’ u s-sewwieq li qed jeffetwa l-manuvra ta’ sorpass b’terz (1/3) tar-responsabilita’. Fil-kaz odjern il-Qorti ukoll jidrilha li r-responsabilita’ ghandha tigi apporzjonata b’dan il-mod fejn l-imputata qed tigi akkollata b’zewg terzi tar-responsabilita’ ghaliex hija naqset milli taccerta ruhha li s-sewwieqa li kienu qed jiprocedu warajha fehmu u ndunaw bl-intenzjoni taghha li teffetwa right hand turn qabel ma hija ghamlet tali manuvra. Dan certament ghal sewqan traskurat u bla hsieb da parti tal-imputata u hija sejra ghalhekk tinstab hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-parti leza rrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputata kif ukoll il-fatt li l-Qorti tirritjeni li s-sewqan tal-imputata jista’ jitqies bhala traskurat izda mhux perikoluz u bla kont. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser timponi piena pekunjarja u mhux se timponi skwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha multa ta’ tmien mitt ewro (€800).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------